MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 5 ta' Settembru 2021**

**Kumpilazzjoni numru 571/2021 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**Vs**

**Keiver Johan Goncalvez Andrade (Numru tar-Refcom 25638)**
**Omar Eduardo Nunez Andrade (Numru tar-Refcom 23888)**
**Jaimaru Vanessa Blanca Guerrero (ID: 170208A)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Keiver Johan Goncalvez Andrade, Omar Eduardo Nunez Andrade, Jaimaru Vanessa Blanca Guerrero** akkużati talli fl-4 ta' Settembru 2021 bejn it-tlieta u għoxrin ta' filgħodu (03:20Hrs) u l-erbgħa ta' filgħodu (04:00Hrs) ġewwa Ix-Xatt ta' Spinola, San Ġiljan, Malta u/jew bnadi/nħawi oħra f'dawn il-gżejjer: -

1. Inġurjaw, heddu jew għamlu offiża fuq il-persuna ta' PC1023 Fabrizio Farruġia persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha, kontra il-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz

pubbliku u ċioe` PC1023 Fabrizio Farruġia filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja tal-kuntistabbli PC1023 Fabrizio Farruġia f'periklu ċar, ikkaġunawlu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;

4. Ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallewx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel d-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlu fi dmiru, billi ma ħallewx lil PC1023 Fabrizio Farruġia u PC684 Anthony Farruġia jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati jew setaw għamlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PC1023 u PC684, kienu qed jagħmlu skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;

5. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara ma tammontax għal aktar minn € 250 għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija.

6. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt euro (€2500) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) għad-dannu ta' PC1023 Fabrizio Farruġia

7. Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Omar Eduardo Nunez Andrade waħdu:

Akkużat talli nhar l-4 ta' Settembru 2021 għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, Malta:

8. Inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC1468 Dirk Pace persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha, kontra il-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

9. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe` PC1468 Dirk Pace filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

10. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li iqiegħed il-ħajja tal-kuntistabbli PC1468 Dirk Pace f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom liema ammissjonijiet ġew ikkonfermati wara li l-Qorti tathom żmien jirrikonsidraw il-pożizzjoni tagħhom;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tiegħu qegħdin jinsabu ħatja l-imputati, il-fedina penali tagħhom, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputati ammettew il-ħtija tagħhom.

Il-Qorti qiegħda wkoll tieħu in konsiderazzjoni li kemm il-Prosekuzzjoni u kemm id-difiża qablu li piena ta' priġunerija sospiża tkun idoneja fiċ-ċirkustanzi, b'dana illi l-Prosekuzzjoni talbet li tiġi imposta multa mhux lejn il-minimu.

Il-Qorti hija tal-fehma illi dak li għamlu l-imputati huwa gravi u dana għaliex ġew attakkati uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu dmirijiethom, liema xogħol isir fl-interess tal-pubbliku in ġenerali u għaż-żamma tal-buon ordni. Illi għalhekk filwaqt li din il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż kif beda dan l-inċident, hija tal-fehma illi l-imputati għandhom jiġu trattati b'sentenza sospiża u

multa. Din is-sanzjoni għandha sservi biex l-imputati joqogħdu ferm attenti li ma jerġgħux jikkommettu xi reat ieħor.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli **17 (h), 95, 96, 214, 215, 221 (1), 325 (1) (c), 338 (dd), 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali,** fuq ammissjoni, ssib lill-imputati **Keiver Johan Goncalvez Andrade, Omar Eduardo Nunez Andrade, Jaimaru Vanessa Blanca Guerrero** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħhom u tikkundanna:

1. **lil Keiver Johan Goncalvez Andrade għall-ħlas ta' multa ta' sebat elef ewro (7000) u għal tnax-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal żmien tliet (3) snin mil-lum;**

2. **lil Jaimaru Vanessa Blanca Guerrero għall-ħlas ta' multa ta' sebat elef ewro (7000) u għal tnax-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal żmien tliet (3) snin mil-lum;**

3. **lil Omar Eduardo Nunez Andrade għall-ħlas ta' multa ta' tnax-il elef ewro (12000) u għal sittax-il xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qegħdin jiġu sospiżi għal żmien tliet (3) snin mil-lum;**

**Tordna u tobbliga lill-imputati kollha *in solidum* sabiex ai termini tal-artikolu 25H tal-Kodiċi Kriminali, fi żmien xahar mil-lum, iħallsu lil PC1023 Fabrizio Farrugia is-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) u lill-Kummissarju tal-Pulizija s-somma ta' mitt ewro (€100).**

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar il-konsegwenzi ta' din is-sentenza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur